| **KUNSILL LOKALI SANTA VENERA** | **SANTA VENERA LOCAL COUNCIL** |
| --- | --- |

**38/19**

**It-tmienja u tletin (38) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-30 t' April, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| **Preżenti:** | | | |
| --- | --- | --- | --- |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Mozzjoni – Problema ta' ipparkjar

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

## *1. Mozzjoni – Problema ta' ipparkjar*

Is-Sindku talab lis-Sinjura Elizabeth Vella, il-proponent tal-mozzjoni, sabiex taqra l-mozzjoni. Liema mozzjoni ġiet ssekondata mis-Sur Darren Carabott (Anness 1).

Il-Mozzjoni ġiet moqrija u is-Sindku talab biex tinfetaħ id-diskussjoni fuq din il-mozzjoni.

Is-Sinjura Vella esprimiet li f' Santa Venera hawn problema ta' parkeġġ u għaldaqstant kien għalhekk li ġew identifikati dawn iż-żewġ postijiet li huma Umberto Calosso u Ċentru Ħidma Soċjali. Hi kompliet li jekk ikun hemm qbil għandha tibda komunikazzjoni mal-Ministeri rispettivi.

Is-Sur Carabott kompla billi qal li għal din il-problema l-Kunsill għandu jsib soluzzjoni u għaldqastant dawn iż-żewġ postijiet identifikati għandhom jinfetħu bħala parkeġġ għar-residenti u wara l-ħin tax-xogħol.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

Is-Sur Anastasi qal li hu ma jaqbilx ma kif il-mozzjoni ġiet imfassla għaliex il-problema tal-ipparkjar mhix biss għaż-żewġ zoni imsemmija fil-mozzjoni iżda madwar ir-raħal kollu għaldaqstant kellhom ikunu identifikati postijiet oħra fejn jistgħu jintużaw bħala parkeġġ fosthom Dar San Guzepp. Is-Sur Anastasi kompla billi qal li tkun diffiċli biex entitajiet governattivi jħallu l-entraturi tagħhom miftuħa minħabba *safety*.

Is-Sur Carabott saħaq li l-Ministru Joe Mizzi għandu jsib soluzzjoni ġaladarba is-sistema tal-parking bil-ħin ġiet sospiża. * residenzjali

Fis-7.45 pm wasal wieħed mill-Kunsilliera s-Sur Jonathan Brimmer.

Is-Sindku nforma lill-membri li l-ħsieb ta' din il-mozzjoni huwa tajjeb u hemm bżonn li din il-problema tal-ipparkjar tkun riżolta. Huwa kompla billi nforma lill-membri li f'dawn l-aħħar sentejn bla daqq ta' trombi għamel diversi tentattivi sabiex tidħol fis-seħħ is-sistema tal-parking bil-ħin. Is-Sindku kompla jgħid li fuq din il-materja hemm diskussjonijiet għaddejjin bejn il-Ministeri konċernati u Transport Malta minħabba l-fatt li din hija problema ta' ħafna mil-lokalitajiet.

Apparti minn hekk is-Sindku informa lill-membri li sa mill-bidu tal-kariga tiegħu bħala Sindku għamel komunikat kemm mal-MSDEC u ma Ċentru Ħidma Soċjali sabiex wara l-ħinijiet tax-xogħol r-residenti jkun u jistgħu jużaw dawn il-parkeġġi. Is-Sindku rrimarka li bħal ma nfatti qal is-Sur Anastasi jkun diffiċli li dawn il-parkeġġi jibqgħu miftuħin minħabba s-sigurta' wara l-ħinijiet tal-uffiċċju. Ir-risposta minn għand dawn iż-żewġ entitajiet governattivi kienet definittivament fin-negattiv.

Fuq dan ir-rigward is-Sindku ppropona emenda għall-mozzjoni. Liema emenda ġiet ssekondata mil-Viċi Sindku is-Sur Jonathan Brimmer. Is-Sindku qara l-emenda għall-mozzjoni (Anness 2).

Fis-7.15 pm is-Sur Horace Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

F'dak il-ħin is-Sur Carabott qal li ser iressaq emenda fuq l-emenda tal-mozzjoni (Anness 3) sabiex mal-proposti tas-Sindku jiżdiedu wkoll il-proposti msemmija fil-mozzjoni li kienet imressqa mis-Sinjura Vella.

Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba l-fatt li kienet diġà saret pressjoni sabiex jintuża l-parkeġġ tal-MSDEC u ta' Ċentru Ħidma Soċjali m'hemmx għalfejn issir emenda fuq l-emenda tal-mozzjoni madanakollu ntalab vot fuqha fejn l-emenda fuq l-emenda m'għaddietx b'4 voti kontra – Stephen Sultana, Jonathan Brimmer, Jason Ernest Mangani, Silvio Vella u 2 voti favur – Darren Carabott, Elizabeth Vella

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

Intant is-Sindku ressaq għall-votazzjoni l-emenda fuq il-mozzjoni hekk kif ipproponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku għaddiet b' Erbgħa (4) mill-membri ivvutaw favur Stephen Sultana, Jonathan Brimmer, Jason Ernest Mangani, Silvio Vella u Tnejn (2) mill-membri astjenew Darren Carabott, Elizabeth Vella. Ħadd mill-membri ma vvota kontra.

Il-laqgħa b'urġenza ntemmet fid-7.30 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 18/5/2015

Anness I

**Mozzjoni favur aktar spazju ta' pparkjar ta' vetturi fi Triq Qormi u fi Triq Braille u l-madwar**

***Daħla***

Il-lokalità ta' Santa Venera kibret fin-numru ta' residenti f'dawn l-aħħar snin, bil-konsegwenza li l-istess residenti qed isibu aktar diffikultajiet sabiex jipparkjaw il-vetturi tagħhom fil-viċinanzi tad-djar rispettivi tagħhom. Din is-sitwazzjoni kompliet tiżdied permezz ta' dawn il-fatti prinċipali:

1. Il-ftuħ ta' servizzi ġodda mogħtija minn entitajiet tal-Gvern jew tkabbir ta' servizz mogħtija minn entitajiet tal-Gvern eżistenti;
2. Il-ftuħ ta' kumpaniji privati u banek fil-lokal;
3. Il-bini ta' residenzi ġodda, b'mod partikolari dawk fi Triq Qormi riċentement.
4. Il-bini li qed jittella fi Triq Braille

Għalhekk, ġew identifikati s-siti tal-Kumpless Umberto Kalosso (daħla minn Triq Qormi) u ċ-Ċentru Ħidma Soċjali (daħla minn Triq Braille) sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw mir-residenti tal-lokal għall-parkeġġ ta' vetturi wara l-ħinijiet tax-xogħol. Dan għandu jwassal sabiex tittaffa l-problema ta' parkeġġ eżistenti.

***Skop***

Din il-mozzjoni għandha l-iskop li tfittex il-qbil u l-kunsens mingħand il-Kunsilliera kollha fil-Kunsill Lokali Santa Venera sabiex jibdew it-taħdidiet li għandhom iwasslu għall-permessi neċessarji mingħand l-awtoritajiet governattivi rispettivi.

***<u>Mozzjoni</u>***

Jien, Elizabeth Vella Minority Leader tal-Partit Nazzjonalista fil-Kunsill Lokali Santa Venera, qed inressaq din il-mozzjoni għall-attenzjoni u d-diskussjoni tal-Kunsilliera Lokali ġewwa Santa Venera.

Nitlob li din il-mozzjoni tiġi diskussa u eventwalment approvata sabiex il-Kunsill Lokali Santa Venera iġib l-approvazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet governattivi kompetenti għall-użu ta' l-ispazju eżistenti fil-Kumpless Umberto Kalosso u fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali mir-residenti tal-lokal għal skop ta' parkeġġ tal-vetturi tagħhom wara l-ħin tax-xogħol.

Proponent

Illum, 14 ta' April 2015

Sekondant

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
14 APR 2015
RECEIVED

Anness 2.

**30 ta' April 2015**

**Emenda għal Mozzjoni datata 14 t'April 2015 dwar il-problema tal-ipparkjar.**

- Konxji mill-fatt li f'Santa Venera kollha teżisti l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ,
- Konxji ukoll mill-fatt li sfortunatament matul il-milja ta' żmien id-diversi permessi li nħarġu mill-MEPA spiċċaw ma ħasbux għal dan l-impatt li seta jkollu fuq il-komunita' Vendriża liema mpatt ġie kkumpensat biss mill-iskema tal-'Urban Improvement Fund'
- Konxji ukoll li l-istess fond qatt ma kien biżżejjed sabiex jinbena xi kumpless kbir li jkun jiflaħ għal diversi vetturi apparti l-fatt ukoll li l-artijiet vojta f'Santa Venera huma limitati u anke skarsi
- Filwaqt li bħala prinċipju qed naqblu li artijiet pubbliċi jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex jiġu utilizzati għal benefiċċju tar-residenti, dan l-istess Kunsill Lokali kien diġa għamel talbiet uffiċċjali appena kif kien hemm bidla fl-Amministrazzjoni tal-Kunsill fejn fost l-oħrajn tkellimna ma' uffiċċjali miċ-Ċentru Ħidma Soċjali u anke mas-Segretarjat tal-PS MSDEC.
  - Wara diversi diskussjonijiet irriżulta ukoll li minħabba raġunijiet ta' sigurta ż-żewġ entitajiet mhumiex lesti li jakkomodaw ir-rikjesti tal-istess Kunsill
- B'permezz ta' din l-emenda, qed nipproponi, sabiex kif diġa għamilna u qbilna sabiex nintroduċu l-iskema tar-*Residential / Timed Parking Scheme*, liema skema kienet diġa tat frott fil-passat iżda minħabba raġunijiet ulterjuri li kien ħa l-Kunsill f'dak iż-żmien, ġew imneħħija matul is-sena 2009.
  - Nibqgħu neżerċitaw l-pressjoni kollha tal-Kunsill fuq l-awtoritajiet li jirregolaw dawn it-tip ta' permessi u ġaladarba jkolllna dawn il-permessi f'idejna il-Kunsill ikun jista jimbarka fuq dawk id-deċiżjonijiet diġa meħuda propju fil-bidu ta' din il-leġislatura.
- Ċertament, b'permezz ta' dan, il-problema tal-ipparkjar ser tiġi mtaffa u r-residenti eventwalment iżidu ċ-ċansijiet tagħhom li jkollhom fejn jipparkjaw

Stephen Sultana

Proponent

Jonathan Brimmer

Sekondant

Received
30/04/2015

* Għandha ssir pressjoni wkoll sabiex jintużaw l-istabbilimenti ta' Umberto Kalessa u Ċentru Ħidma Soċjali, sabiex ir-reżidenti jagħmlu użu għall-iparkeġġjar.

30 ta' April 2015

Proponent

Sekondant

**Emenda għal Mozzjoni datata 14 t'April 2015 dwar il-problema tal-ipparkjar.**

Anness3

- Konxji mill-fatt li f'Santa Venera kollha teżisti l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ,

- Konxji ukoll mill-fatt li sfortunatament matul il-milja ta' żmien id-diversi permessi li nħarġu mill-MEPA spiċċaw ma ħasbux għal dan l-impatt li seta jkollu fuq il-komunita' Vendriża liema mpatt ġie kkumpensat biss mill-iskema tal-'Urban Improvement Fund'

Received

- Konxji ukoll li l-istess fond qatt ma kien biżżejjed sabiex jinbena xi kumpless kbir li jkun jiflaħ għal diversi vetturi apparti l-fatt ukoll li l-artijiet vojta f'Santa Venera huma limitati u anke skarsi

- Filwaqt li bħala prinċipju qed naqblu li artijiet pubbliċi jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex jiġu utilizzati għal benefiċċju tar-residenti, dan l-istess Kunsill Lokali kien diġa għamel talbiet uffiċċjali appena kif kien hemm bidla fl-Amministrazzjoni tal-Kunsill fejn fost l-oħrajn tkellimna ma' uffiċċjali miċ-Ċentru Ħidma Soċjali u anke mas-Segretarjat tal-PS MSDEC.
  - Wara diversi diskussjonijiet irriżulta ukoll li minħabba raġunijiet ta' sigurta ż-żewġ entitajiet mhumiex lesti li jakkomodaw ir-rikjesti tal-istess Kunsill

- B'permezz ta' din l-emenda, qed nipproponi, sabiex kif diġa għamilna u qbilna sabiex nintroduċu l-iskema tar-*Residential / Timed Parking Scheme*, liema skema kienet diġa tat frott fil-passat iżda minħabba raġunijiet ulterjuri li kien ħa l-Kunsill f'dak iż-żmien, ġew imneħħija matul is-sena 2009.
  - Nibqgħu neżerċitaw l-pressjoni kollha tal-Kunsill fuq l-awtoritajiet li jirregolaw dawn it-tip ta' permessi u ġaladarba jkolllna dawn il-permessi f'idejna il-Kunsill ikun jista jimbarka fuq dawk id-deċiżjonijiet diġa meħuda propju fil-bidu ta' din il-leġislatura.

*

- Ċertament, b'permezz ta' dan, il-problema tal-ipparkjar ser tiġi mtaffa u r-residenti eventwalment iżidu ċ-ċansijiet tagħhom li jkollhom fejn jipparkjaw

Stephen Sultana

Proponent

Jonathan Brimmer

Sekondant

Received
30/04/2015